# KANNIZZATI...

*Ta' PAWLU AQUILINA*

Kannizzati. . .
Kannizzati. . .
Kannizzati fuq il-bjut,
Qatt ma jonfħu dawk għakieskom?
Qatt ma tarmu?
Qatt ma tħaddru?
Qatt ma tilbsu ġmiel il-weraq
U troddulna
Ġewwa djarna
Fuq il-mejda
L-oħla benna tal-għanqud?

Kannizzati. . .
Kannizzati. . .
Kif sraqtulna l-ġmiel ta' dari
Minn fuq bjutna!
Kemm-il qalb ilbieraħ sabet
Hena u faraġ
Taħt il-ħdura tar-Rebbiegħa —
Timla, tneffaħ dawk l-egħnieqed
Imqabbdin ma' sider ommhom
Li taf ruħha,
Li taf demmha
Lil din l-art li nafu b'ommna. . . !

Kannizzati. . .
Kiesħa silġ jew ġamra nar
Li sraqtulna ta' ġo l-għenba
L-oħla benna,
Tisquniex mibegħda u għira
Hemm u dmija,
Xewk u mrar!
Għax jekk demmkom jisfa' mħassar
Tagħna semm isir
Ukoll!